MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 69/2015

**The General Soft Drinks Company Limited**

**vs**

**Sandro Bianchi u Simone Bianchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-27 ta’ Jannar 2015 li jghid hekk:

Illi permezz ta’ kuntratt l-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tal-erbatax (14) ta’ April tas-sena elfejn u hdax (2011), hawn anness u immarkat bhala Dok. “A”, is-socjeta attrici selfet is-somma ta’ hamsa u erbghin elf (€45,000) lill-konvenuti.

Illi sussegwentement saru xi pagamenti lis-socjeta attrici, u prezentement l-ammont dovut lill-istess socjeta attrici huwa ta' wiehed u erbghin elf, mija u hamsa u tletin euro u 58 centezmu (€41,135.58) u dana kif jirrizulta mill-anness resokont datat tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u immarkat bhala Dok. "B".

Illi l-istess socjeta attrici ghandha tiehu minghand l-istess konvenuti l-ammont ta' erbat elef, hames mija, sitta u tmenin euro 76 centezmu (€4,586.76), rapprezentanti bejgh u kunsinna ta' xorb ghall-fond "Sirens ASC", u dana kif jirrizulta mir-resokont datat it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013), u immarkat bhala Dok. "C".

Illi l-imsemmija ammonti baqghu ma gewx saldati u dana minkejja illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, din is-somma ta' hamsa u erbghin elf, seba' mija u tnejn u ghoxrin euro 34 centezmu (€45,722.34) hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Ghaldaqstant ighidu ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex in vista tas-suespost :

1. tiddispensa mis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. tikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' €45,722.34 rapprezentanti l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuti fil-konfront tas-socjeta attrici kif inghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 1543/2013 prezentat nhar l-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), kif ukoll l-ittra ufficjali numru 2145/2013 li giet prezentata nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013), kif ukoll bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti;

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati pero ma deher hadd fis-seduta tal-21 ta’ Mejju 2015;

Semghet lid-difensur tas-socjeta attrici Dr. Joseph Ellis fejn ikkonferma bil-gurament tieghu li l-kreditu ghadu kollu dovut kif mitlub;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ma saret ebda oppozizzjoni, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ hamsa u erbghin elf, seba' mija u tnejn u ghoxrin euro u erbgha u tletin centezmu (€45,722.34), rapprezentanti l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuti lis-socjeta attrici, bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data li l-bilanc hu dovut ai termini tal-kuntratt ta’ self tal-14 ta’ April 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------